

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-24 ta' Ottubru 2013 — Land Burgenland Grazer Wechselseitige Versicherung AG, ir-Repubblika tal-Awstrija vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawżi Magħquda C-214/12 P, C-215/12 P u C-223/12 P) (¹)

*(Appell — Kompetizzjoni — Għajnuna mill-Istat — Għajnuna ddikjarata illegali u inkompatibbli mas-suq komuni — Għajnuna mogħtija lill-grupp Grazer Wechselseitige (GRAWE) meta saret il-privatizzazzjoni ta' Bank Burgenland AG — Determinazzjoni tal-prezz tas-suq — Proċedura ta' sejħa għal offerti — Kundizzjonijiet illecċi mingħajr effett fuq l-ogħla offerta — Kriterju msejjaħ tal-“bejjiegħ privat” — Distinzjoni bejn l-obbligi imposti fuq l-Istat fl-eżerċizzu tal-prerogattivi tiegħu ta' awtorità pubblika u fuq l-Istat meta jaġixxi fil-kwalitā ta' azzjonarju — Żnaturament tal-provi — Obbligu ta' motivazzjoni)*

(2013/C 367/22)

Lingwa tal-proċedura: il-Ġermaniż

## Partijiet

Appellant: Land Burgenland (rappreżentanti: U. Soltész, P. Melcher u A. Egger, avukati), Grazer Wechselseitige Versicherung AG (rappreżentant: H. Wollmann, avukat), ir-Repubblika tal-Awstrija (rappreżentanti: C. Pesendorfer u M. J. Bauer, aġenti)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Flynn, V. Kreuschitz u T. Maxian Rusche, aġenti), ir-Repubblika tal-Awstrija, Land Burgenland

Parti intervenjenti insostenn tal-partijiet Land Burgenland u r-Repubblika tal-Awstrija: Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: K. Petersen kif ukoll T. Henze u J. Möller, aġenti)

## Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġeneral (Is-Sitt Awla), tat-28 ta' Frar 2012, Land Burgenland u L-Awstrija vs Il-Kummissjoni (T-268/08 u T 281/08), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikorsi intiżi għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/719/KE, tat-30 ta' April 2008, dwar l-għaj-nuna mill-Istat implementata mill-Awstrija għall-privatizzazzjoni tal-Bank Burgenland (ĠU L 239, p. 32) — Ksur tad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, tal-Artikolu 107(1) TFUE — Evalwazzjoni żbaljata tal-garanzija ta' twettiq (“Ausfallshaftung”) tal-Land Burgenland favur il-Bank Burgenland

## Dispożittiv

- (1) L-appelli huma miċħuda.
- (2) Il-Land Burgenland, Grazer Wechselseitige Versicherung AG u r-Repubblika tal-Awstrija huma kkundannati għall-ispejjeż.
- (3) Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandha tħalli l-ispejjeż tagħha.

(¹) ĠU C 194, 30.06.2012  
ĠU C 184, 23.06.2012

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tas-17 ta' Ottubru 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Landgericht Saarbrücken — il-Ġermanja) — Lokman Emrek vs Vlado Sabranovic**

(Kawża C-218/12) (¹)

*(Regolament (KE) Nru 44/2001 — Artikolu 15(1)(c) — Ġurisdizzjoni fil-qasam tal-kuntratti konkużi mill-konsumaturi — Possibbiltà li din il-ġurisdizzjoni tiġi limitata għall-kuntratti li jsiru mill-bogħod — Rabta kawżali bejn l-attività kummerċjali jew professionali diretta lejn l-Istat Membru tad-domiċilju tal-konsumatur permezz tal-internet u l-konkużjoni tal-kuntratt)*

(2013/C 367/23)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

## Qorti tar-rinviju

Landgericht Saarbrücken

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Lokman Emrek

Konvenuta: Vlado Sabranovic

## Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Landgericht Saarbrücken — Interpretazzjoni tal-Artikolu 15(1)(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji cívili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Specjalib il-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42) — Ġurisdizzjoni fil-qasam ta' kuntratti konkużi mill-konsumaturi — Sitwazzjoni li fiha imprendit ir-ikollu sit internet “dirett” lejn l-Istat Membru fejn il-konsumatur għandu d-domiċilju tiegħu — Ħtieġa ta' rabta kawżali bejn din l-attività u l-konkużjoni tal-kuntratt mill-konsumatur — Limitazzjoni eventwali tal-ġurisdizzjoni fil-qasam ta' kuntratti konkużi mill-konsumaturi għal kuntratti li jsiru mill-bogħod

## Dispożittiv

L-Artikolu 15(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji cívili u kummerċjali, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jezix għal-eżistenza ta' rabta kawżali bejn il-metodu użat sabiex l-attività kummerċjali jew professionali tiġi direkti lejn l-Istat Membru tad-domiċilju tal-konsumatur, jiġi sieri sit internet, u l-konkużjoni ta' kuntratt ma' dan il-konsumatur. Madankollu, l-eżistenza ta' tali rabta kawżali tikkostitwixxi indizju ta' rabta tal-kuntratt ma' il-konsumatur. Madankollu, l-eżistenza ta' tali rabta kawżali tikkostitwixxi indizju ta' rabta tal-kuntratt ma' tali attivitā.

(¹) ĠU C 243, 11.08.2012.